SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 32/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 19/07/'07** **221**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 19/07/'07** **274**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 19 ta' Lulju 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fin-12.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier David Borg

1.05 Assenti: Il-Kunsillier Norman Vella.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-12 ta' Lulju 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti.
2. Korrispondenza
3. Management Letter.
4. Rapport Finanzjarju sat-30/06/07.
5. Rapport Annwali Amministrattiv.
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Request Sheets.

1.2.02 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni ta' regolamenti sabiex jiġu diskussi Items 3, 4 u 5 qabel Item 1 u 2.

1.2.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K0660/62/07 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni fid-dettal.

3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro wasal fis-12.40 p.m.

3.04 Iċ-Chairman Peter Bonello rringrazzja lill-Accountant s-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker għan nom tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom.

3.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Rapport Finanzjarju sat-30/06/07**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30/06/07 (Ara Appendiċi 'B'). Dan ġie spjegat fid-dettal mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30/06/07.

4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Rapport Annwali Amministrattiv**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv.

5.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.06 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fis-1.15 p.m.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 31/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 31/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2830 Ittra mingħand Le Meridien St Julian's Malta, rigward *Traffic Signs*.

2931 Ittra mingħand il-Fix All rigward *Rubber Road Humps.*

2934 Ittra mingħand Mark Scerri Simiana, MTA, rigward *Gum Busting / removal of stains*.

2948 Ittra mingħand Glenn Bugeja, MRAE, rigward tħawwil ta' siġar.

2974 Ittra mingħand l-Ambaxxatur Taljan Paolo Andrea Trabalza rigward il-ġemelaġġ ma' Milazzo, f'Sqallija.

2990 Ittra mingħand Marie Therese Vassallo rigward kunċert fis-sajf.

3002 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis dirett mill-Fondi Allokati.

3027 Ittra mingħand id-Dipartiment għas-Servizzi ta' l-Indafa rigward servizz ta' knis nhar ta' Ħadd.

3033 Ittra mingħand l-Avukat Mark Refalo għan-nom tal-Marquis Scicluna rigward Wesgħa Ġużè Tanti.

3118 Ittra mingħand il-Malta Rugby Football Union rigward użu tal-ground ta' Ta' Ġiorni.

3128 Ittra mingħand il-Partit Laburista rigward proġetti flimkien bejn il-Kunsilli Lokali u Gvern Laburista ġdid.

3170 Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri, Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward il-Ġnien Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni.

3176 Kwotazzjoni mingħand it-TCTC rigward Computer Courses.

3197 Ittra mingħand il-kumitat tal-LeGA rigward il-ħaddiema ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsilli.

3211 Ittra mingħand il-MEPA rigward spejjeż rifonduti marbuttin mar-Residents' parking Scheme.

3230 Ittra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward id-Devoluzzjoni ta' kurridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 2830

B'riferenza għall-ittra mingħand Le Meridien St. Julian's rigward Traffic Signs ġie deċiż unanimament li:-

*Photo 1: To erect pole and sign "Un/loading" only, located on East of the hotel's façade;* ***u***

*Photo 2: To erect pole and sign "Unloading/loading" only, located on West of hotel's façade;*

Dawn għandhom jiġu rrakkomandati lill-ADT, filwaqt li

*Photo 3: To mark existing single yellow line to double yellow line as indicated;* ***u***

*Photo 4 & 5: To erect pole (sign to be provided by Le Meridien St Julians hotel marking Hotel's assembly point) located next to Balluta Gardens as indicated*

Is-Sindku ser jiltaqa' fuq il-post ma' l-ADT biex jiġu diskussi. Il-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmati meta ssir din il-laqgħa biex min irid jattendi.

2.03 Rif. Nru. 2931

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Fix All rigward *Rubber Road Humps*, il-Kunsill innotta u aċċetta din il-kwotazzjoni li hija orħoss mill-kwotazzjoni preċedenti.

2.04 Rif. Nru. 2948

B'riferenza għall-ittra mingħand Glenn Bugeja, MRAE rigward tħawwil ta' siġar ġie deċiż unanimament li qabel dawn jiġu ordnati il-Kunsill jikkonferma l-post u kemm ser ikollu bżonn. Madankollu s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jaraw x'hemm bżonn li jsir biex jitnaddaf in-naħa ta' taħt l-ġnien Ekoloġiku (l-ewwel fażi).

2.05 Rif. Nru. 2974

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Ambaxxatur Paolo Andrea Trabalza rigward il-ġemellaġġ ma' Millazzo ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Karl Gouder jieħu ħsieb jikkjarifika s-sitwazzjoni ma' l-Ambaxxatur u mal-Kunsill ta' Milazzo u jinforma lill-Kunsill fl-laqgħa li jmiss.

2.06 Rif. Nru. 2990

B'riferenza għall-ittra mingħand Ms Marie Therese Vassallo ġie deċiż unanimament li ssir attivita' fejn tiġi mistiedna tagħti s-sehem tagħha.

2.07 Rif. Nru. 3027

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għas-Servizzi ta' l-Indafa rigward żieda fil-prezz għas-servizz ta' knis nhar ta' Ħadd ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta il-prezzijiet kif riveduti. Għandha tinġibed l-attenzjoni biex meta jsir il-ħasil ta' tat-toroq jintuża aktar ilma.

2.08 Rif. Nru. 3118

B'riferenza għall-ittra mingħand Nick Gatt, Malta Rugby Football Union, ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li għadu ma sarx il-ftuħ uffiċċjali tal-ground għalhekk ma jistgħax jintuża għalissa.

2.09 Rif. Nru. 3128

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Partit Laburista biex il-Kunsill jipproponi żewġ proġetti li jixtieq li jsiru taħt l-amministrazzjoni Laburista, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill m'għandux jorbot lill-Kunsill li ġej warajh peress li, fi ftit xhur, dan il-Kunsill għandu l-elezjoni.

2.10 Rif. Nru. 3170

Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ġie nfurmat verbalment mingħand il-Perit Anton Camilleri li l-Kunsill jieħu ħsieb l-attivitajiet għal ftuħ uffiċjali tal-proġett ta' Ta' Ġiorni, filwaqt li jidher li l-inviti ser isiru minnhom.

Għalhekk ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Waħda mill-attivitajiet tinkludi *repertoire* mit-Tenur, is-Sur George Saliba (Min 28/5/07, Inc. 1343/07).

- ✓ Isir *speech* mis-Sindku u mill-Ministru.

- ✓ Isir riċeviment.

- ✓ ssir laqgħa 'on site' mas-Sur Albert Borg u Sur Schranz biex jitlestaw ix-xogħolijiet li hemm pendenti. L-appuntament isir wara s-1.00 p.m. u jiġu nfurmati l-Kunsilliera kollha sabiex min irid jattendi.

2.11 Rif. Nru. 3176

B'riferenza għall kwotazzjoni mingħand it-TCTC dwar korsijiet tal-Computer, il-Kunsill ġie nfurmat illi minkejja li ntbgħatu diversi talbiet lill-Kumpaniji differenti biex jikkwutaw għal dawn il-courses, il-Kunsill irċieva biss mingħand it-TCTC. Madankollu ġie deċiż unanimament li għandu jsir avviż fuq il-gazzetta tal-Gvern qabel tittieħed deċiżjoni.

2.12 Rif. Nru. 3197

B'riferenza għall ittra mingħand l-Kumitat tal-LeGA rigward il-ħaddiema tal-IPSL, iċ-Chairman informa lill-Kunsill li kien qed jassenjalhom ix-xogħol huwa skond il-ħtieġa li jkun hemm. Dwar il-ħin ta' l-attendenza ġie deċiż unanimament illi l-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema assenjati jkunu kif ġej:-

Fis-Sajf mis - 7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Fix-xitwa mis-7.00 p.m. – 3.00 p.m.

2.13 Rif. Nru. 3230

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward id-Devoluzzjoni ta' Kurridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra tiġi riferuta lill-Perit Anton Camilleri.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2286 sal 2298 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Ġie deċiż unanimament li Grenfell Junction tiġi ppavjata u li jsir water culvert in-naħa ta' Triq il-Kbira.

7.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji oħra**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill:-

- ✓ Li b'riferenza għall Minuti 31/K5/07, Taqsima 5, paragrafu 5.01 peress li fi żmien il-festa l-baned idoqqu f'ġranet differenti ser tingħata bibita lill-bandisti biss meta jkunu għaddejin minn quddiem il-Kunsill.

- ✓ Li nħareġ it-Tender tal-Parks & Gardens peress li dan jagħlaq fl-aħħar ta' Lulju. Hemm żmien li jiġu sottomessi l-offerti sa l-10 ta' Awissu 2007.

- ✓ Fir-rigward il-festa tal-Karmnu, Balluta, minn din is-sena Bro Josef ser jibda jieħu ħsieb l-arranġament tal-fjuri. Għalhekk ser issir arranġement forma ta' kampnar għall-ammont ta' Lm30 (€69.90).

- ✓ Bħal kull sena wara l-festa ser isir it-tindif addizzjonali.

8.02 Ġie deċiż unanimament li t-tenders ta' Street Sweeping, Bulky Refuse u Public Conveniences jiġġeddu għall sena oħra b-istess rati u kundizzjonijiet.

8.03 Ġie deċiż unanimament li b'kollaborazzjoni mal-Kumitati tal-Festi ta' San Ġiljan u tal-Karmnu jibda jittella' program kulturali, minn din is-sena, u li l-Kunsill jagħti l-ammont ta' Lm100 (€233) lill kull kumitat bħala parti mill-ispejjeż. Dan għandu jiġi ppreżentat lilhom mis-Sindku.

8.04 Saret riferenza għall-ikla li l-Kunsill ser jagħmel biex jagħti merħba lill-Ambaxxatur Ċiniż, u ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ l-ikla ssir fix-xahar t'Ottubru f'ġurnata li jista jattendi l-Ambaxxatur Ċiniż.

- ✓ Għall din l-ikla jiġu mistiedna l-membri ta' l-Ambaxxatur flimkien mal-Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff bil-partners tagħhom;

- ✓ l-Ikla ssir għand il-Lulu Restaurant.

8.05 l-Kunsilliera Irene Borg tat rendikont tal-ħarġa "self funding ' li saret għal Għawdex f'Jum il-Missier, li għalija attendew madwar 50 persuna. Hi ppreżentat tifkira lill-Kunsill li ngħatat mis-Sindku tal-Qala.

8.06 Il-Kunsilliera Borg infurmat lill-Kunsill li ser tiġi organizzata ħarġa oħra 'self funding' fit-28 ta' Lulju għall-Kunċert Nazzjonali.

8.07 Ġie deċiż unanimament li titnaddaf id-dawra tal-ground f'ta' Ġiorni u n-naħa ta' Triq Andre Maurios mill-Cleansing Services Department.

8.08 Is-Sindku għandu javviċina lis-Sur David Vassallo ta' l-ADT biex jingħata t-tarmac fit-toroq ta' madwar il-proġett f'Ta' Ġiorni.

8.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro għandu jieħu ħsieb li tinħareġ Stqarrija għall-Istampa fir-rigward il-One Way Traffic System li ser issir fi Triq il-Mensija.

8.10 Ġie deċiż unanimament li jitpoġġew żewġ skips oħra, waħda ħdejn La Maltija Restaurant, fi Triq il-Knisja u l-oħra ħdejn dik li diġa hemm ħdejn il-ġnien ta' Spinola.

8.11 L-MTA tiġi nfurmata li l-flood lights li saru min-naħa tagħhom fi Triq Wilġa għadhom ma jixgħallux.

8.12 Il-Kunsilliera Irene Borg tablet li tiġi skużata għalhekk iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fit-3.05 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |